MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 273/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Abdilla]**
**Vs**
**Rolando Cusimano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Rolando Cusimano, [detentur tal-karta tal-identita` numru 15166A] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe' fis-sena 2003 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1,000.00 bi hsara ta' Maria Anna

Micallef detentrici tal-karta ta’ l-identita’ 118643M (dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. U aktar talli approprja ruhu minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha flejjes li jammontaw ghal Lm1,000.00 liema flejjes jappartjenu lill-istess Maria Anna Micallef (dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Gunju, 2011 fejn sabet lill-appellant hati tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat, li hija wahda ghal kollox netta, tqis illi l-imputat ghandu jbaghti piena karcerarja sospiza ta’ sena (1) ghal sentejn (2), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; L-ewwel Qorti rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghamlet Ordni ta’ Restituzzjoni fuq l-akkuzat a favur ta’ Mary Micallef versu l-ammont ta’ Lm1,000.00 ekwivalenti ghal €2,330, liema restituzzjoni ghandha ssir fi zmien sitt(6) xhur minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Rolando Cusimano pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-17 ta’ Gunju, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi, waqt li tikkonfermaha fejn gie lliberat mill-akkuzi, thassar l-istess sentenza minn kif sabithu hati u lill-appellanti tilliberah ukoll mill-htija taht l-artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u thassar il-konsegwenti provvedimenti abbazi tal-artikoli 28A u 28H tal-Kap 9.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji huwma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:
1. Illi l-esponent jissottometti bir-rispett li l-akkuzat ma setghax jinstab hati kif akkuzat lanqas taht l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax fil-gbir tal-provi ma

rrizultax actus reus. Jinghad bir-rispett li l-ebda azzjoni mehuda mill-akkuzat fil-konfornt tas-sinjura Mary Anne Micallef ma tikkostitwixxi actus reaus. Dan qed jinghad il-ghaliex dak li gara bejnitehom kien biss ftehim civili ta’ self ta’ flus brevi manu.
Illi jissottometti l-esponenti appellanti li huwa veru li ssellef minghand Mary Anne Micallef fglus fi stadji differenti u spicca li ghandu jirrendi lura lilha s-somma ta’ elf liri maltin, ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u tletin ewro, (€2,330). Dak li kien hemm u ghadu pendenti bejniethom huwa l-kuntratt ta’ mutwu u cioe` ‘kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna lill-ohra xi kwantita` ta’ hwejjeg li jintemmu bl-uzu, bl-obbligu ta’ min jissellef lil min jislef daqshekk iehor tal-istess xorta u kwantita`’. L-azzjoni tal-konsenja ta’ flaus lill-akkuzat minn Mary Anne Micallef ma kien xejn hlief il-holqien ta’ dan il-kuntratt bejniethom. L-esponenti ma kellux ghalfejn jaghmel xi sforz kbar biex jikkonvinciha biex issellfu. Kienet hija li ghamlitlu l-offerta ta’ self. Anzi kkonfermat hija stess li fl-ewwel okkazjoni kienet il-hegga taghha biex tghinu li wasslet ghas-self. F’dan l-istadju zgur li azzjonijiet tal-akkuzat ma jistghux jigu nterpretati bhala xi actus reaus. Kienu sempliciment l-accettazzjoni tas-self minn ghand Mary Anne Micallef.
Illi sussegwentement kien hemm self ulterjuri mis-sinjura Micallef lill-akkuzat Cusimano. Imma lanqas dak li gara wara, fi stadju iehor, tat-tieni self, ma kien hemm xi actus reaus li seta jwassal ghall-htija kif sabet l-ewwel Onorabbli Qorti. Il-prosekuzjoni ghamlet kapital mill-fatt li f’xi stadju l-akkuzat semmielha li kien qed jikkonsidra ‘tender’ dwar lifts f’Manoel Island. Speci riedet tghid il-prosekuzjoni li allura s-self li sar fit-tieni stadju, kien marbut u destinat ma din it-‘tender’ u allura meta fil-fatt u eventwalment ma tefax din it-‘tender’ allura tghid il-prosekuzjoni allura l-akkuzat qarraq bil-mutwarja Ms. Micallef.
Illi jissottometti l-esponent li dan l-argument ma jregix. Is-self li sar minn Micallef lill-akkuzat sar a beneficcju tal-akkuzat Cusimano. Dan bl-ebda mod ma kien marbut li jikkontesta ghat-‘tender’ ta’ Manoel Island. Il-beneficju kellu jgawdih l-akkuzat Cusimano u huwa seta` jiddeciedi kif jaghmel uzu mil-flus lilu moghtija minn Micallef. L-akkuzat ha l-beneficju tal-likwidita` li kellu disponibbli billi ghazel li jsewwi l-van tax-xoghol u jahllas xi djun ohra. Ma

tefax it-‘tender’ ta’ Manoel Island ghax ma deherlux li kien hekk opportun.

Illi dar-ragunament jaghmel sens mija fil-mija ghall-akkuzat Cusimano ghax fuq kollox huwa mhux xi ingenier ikkwalifikat imma ragel tas-sengha fl-installazzjonijiet tal-‘lifts’. Din l-ghazla tal-akkuzat ma tikkostitwixxix actus reus. Dan l-agir kien l-ezercizzju tal-libera xelta tal-individwu li jqis mitt darba u meta jaqta jhares lejn l-ahjar interess tieghu. Hekk ghamel l-akkuzat u meta ghamel hekk ma kiser l-ebda artikolu tal-ligi kriminali u lanqas ma kiser l-artiklu 293 tal-Kap 9.

2. Illi t-tieni aggracju tal-esponent huwa li lanqas harget xi prova tal-mens rea fir-rigward ta’ Cusimano. Dana jsegwi ma dak li inghad fuq. L-akkuzat jissottometti li dwar dan ma jinghad xejn fis-sentenza meta hu ovvju li biex tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija dik il-Qorti kellha tkun konvinta li l-akkuzat ma kellux il-hsieb li jissellef imm b’xi mod li jaghmel dannu lill-allegata vittma Mary Anne Micallef. Kellu jinghad u jigi ppruvat li huwa kellu mens rea, kuxxjenza ta’ dak li kien qed jaghmlu malizzjozament biex il-Qorti tkun konvinta li allura kien l-artiklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Illi l-ligi tghid fil-Kap 9 :-

***‘293.*** *Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:’*

Ifisser allura li l-ligi f’dan ir-reat titlob li jkun hemm intenzjoni specifika ta’ qerq mill-akkuzat a dannu tal-vittma. Meta thares lejn ix-xhieda fil-kaz odjern ssib li abbazi ta’ dawk il-fatti kif hargu fil-kaz hemm il-kuntratt ta’ self ta’ flus. L-esponenti jissottometti li huwa ma kellux l-ebda hsieb li jqarraq mis-sinjura Micallef. Kellu bzonn u ried jissellef ghal bzonnijiet tieghu. Allura wiehed jistaqsi kull kuntratt ta’ self jista` jwassal ghal akkuza ta’ misappropriazzjoni?

Illi fil-fatt il-Qorti hija attenta biex dan ma jigrix u meta kienet qed tezamina l-kaz ‘Il-Pulizija vs Philip Petroni’ deciz fis-16 ta’ Marzu, 1999, iddikjarat specifikament li l-Qorti:

*‘tosserva li qed jigu spiss quddiemha kazijiet fejn jidher li l-pulizija qed tipprocedi kontra dak li jkun fuq akkuza ta’ frodi fuq l-insistenza ta’ l-avukat jew avukati ta’ allegat vittma, meta ezami oggettiv u spassjonat tal-fatti ghandu juri li l-kaz ikun wiehed purament civili jew kummercjali u mhux ta’ natura penali’*

Jinghad bir-rispett li propju dan li gara fil-kaz odjern. Il-konsuletn ta’ Mary Anne Micallef mil-kaz civili li kellu quddiemu ghamel kaz kriminali biex flok jagixxi huwa jimxu l-Pulizija. Rabat l-avukat ma l-unika tibna li sab fir-rakkont, it-‘tender’ ta’ Manoel Island biex jibni kaz kriminali, meta kaz kriminali ma kienx hemm.

3. Illi jesponi l-appellant li fil-kaz tieghu ma hemm l-ebda prova li huwa kellu hsieb ta’ dolo kontra l-allegata vittma. Il-ligi titlob li biex jissussisti ir-reat l-akkuzat irid ikollu ‘una studiata tasfigurazjone del vero, u canuffamento della realta` effettuato sia simulando cioe` che non eziste dissimulando, cio` che non esiste’. Dan ma rrizultax fil-kaz imsemmi u lanqas ma jirrizulta fil-kaz odjern. Kien ghalhekk li l-Qorti ddikjarat li ma ghandu qatt jigri li l-pulizija tispicca ghodda f’idejn avukati li juzaw l-azzjoni kriminali bhala rikatt biex wiehed ifittex ihallas id-debitu minnu dovut. Il-procedura penali ma ghandha qatt tigi strumentalizzata b’dan il-mod.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant jabita f’Bugibba fejn sar jaf lil Mary Anne Micallef wara inkontru kaswali f’Bar Restaurant bl-isem ta’ Katrina. Dawn saru jafu lil xulxin u kienu jiltaqghu ta’ sikwit, fost id-diskursati li kien ikollhom l-appellant semma illi huwa jahdem fuq lifts, huwa wkoll installatur. Darba minnhom semmielha li kien qed jikkonsidra jiehu xi tenders fuq lifts fuq progett illi kien hemm Manoel Island u talab lil Mary Anne Micallef isselfu

l-flus. L-ewwel hames mitt Lira (LM500) illi tathomlu, qalet illi gibdithom mill-Bank u tathomlu cash. Xi hmistax wara taha lura mitejn Lira (LM200) ghalhekk kien fadallha tiehu bilanc ta' tliet mija (300). L-appellant uriha hafna karti fosthom kien hemm anke pjanijiet ghal lifts u dawn id-dokumenti kkonvincew lil Micallef dwar l-apparenti genwinita ta' l-appellant. Wagt ir-relazzjoni li kellhom tatu anki permess sabiex idahhal id-dghajsa tieghu fil-garage taghha bla hlas u hekk sar. meta kienu qeghdin jiddiskutu t-tender talabha elf Lira (LM1,000) u li minnhom tatu seba' mija (700), bhala garanzija l-appellant taha cekk ta' hames mitt Lira (LM500) u qalilha illi d-dghajsa illi kellu fil-garage seta' jaghmel tajjeb ghal elf Lira (LM1,000) dovuti. Qatt ma semma terminu ta' hlas, izda Micallef xehdet illi f'daqqa wahda dahlet fil-garage u ma sabiex id-dghajsa, kienet iccempillu u ssaqsih ghal flus u kien jghidilha li se jaghtihomlha, ppruvat anki ssarraf ic-cekk moghti lilha imma bla success.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant ikkonferma li huwa talab lil Micallef flus biex juza ghat-tender, dan it-tender ma hadux u spicca uza l-flus ghal skopijiet ohrajn u cioe' biex ihallas spejjes ta' van second hand u dejn iehor zghir li kellu. L-appellant qatt ma nnega l-flus lil Micallef, kien jghidilha biss illi malli jircievi l-penzjoni mill-Italia ikun jista jhallasha direttament. Fis-Sentenza taghha tat-8 ta' Gunju, 2011 (fol 151) l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' truffa u qerq semplici izda sabitu hati ta' misapproprjazzjoni talli huwa uza l-flus illi gie moghti lilu minn Micallef ghal skopijiet ohra oltre dak mifthiem maghha.

L-appelant hassu agravat minn din is-Sentenza u appella minnha principalmet fuq l-argument illi dina kienet kwistjoni civili ta' self bejniethom, la l-ewwel Qorti ma sabitux hati ta' truffa allura ma setghetx issibu hati ta' misapproprjazzjoni taht l-Artiklu 293 tal-Kap 9 ghax ma kienx hemm l-intenzjoni li jqarraq. Tant kien hekk illi dejjem kien qed jghidilha illi kien qed jistenna l-penzjoni biex ikun jista jhallas. L-iskop tas-self kien ghal beneficcju tieghu u hu uza l-flus kif dehrlu hu, l-intenzjoni originali kienet illi juzahom inkonnessjoni ma tender ghal provizjon

ta' lifts ta' Manoel Island izda ma kienx kapaci ghal dak il-kobor u hu uza l-flus biex ihallas dejn u beneficcji ohra.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti issib illi dan l-argument ma jaghmilx sens legali, skont l-istess appellant, Micallef kienet sellfitu l-flus bl-iskop specifiku sabiex juzahom ghal tender inkonnessjoni ma lifts f'Manoel Island, ipproducielha diversi dokumenti u pjanti biex juri l-interess li kellu f'din it-tender u Micallef sabiex tghinu jakkwista dan ix-xoghol sellfutu l-flus specifikament ghall-uzu ta'dak it-tender. Issa kienx kapaci jew le li jasal ghal dak ix-xoghol huwa mmaterjali u l-appellant ma seta' qatt juza dawk il-flus ghal xi skop iehor oltre dak mifthiem ma Micallef. La darba dak il-progett ma rnexxilux l-appellant kien fl-obligu illi jrodd lura l-flus jew ghal menu jiehu l-permess ta' Micallef sabiex dawk il-flus ikun jista juzahom ghal xi haga ohra, izda dan ma ghamlux u unitalarment iddecieda illi juza' dawk il-flus sabiex ihallas ghall-ispejjes ta' van u dejn iehor zghir illi kellu ma terzi. Dan jaqa' nettament taht ic-censura ta' l-Artilku 293 tal-Kap 9 u l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex issib htija taht dan l-Artiklu. Ghalhekk wara li din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjoni illi dik il-Qorti kienet ragunevoli u legali fil-konkluzjoni taghha, ghalhekk mhux il-kaz illi s-Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------